**QORTI KRIMINALI**

Onor. Imhallef Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Att ta' Akkuza numru 1/2021**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Sage Gauci**

Illum, 16 ta' Frar, 2021.

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tal-Akkuza numru 1/2021 kontra l-akkuzat Sage Gauci li bih huwa gie akkuzat talli :

1. Fis- sebgħa (07) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu kemm ir-raża kif ukoll il-cannabis grass meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx intiż għall-użu esklużżiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

2. Fis- sebgħa (07) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu kemm ir-raża kif ukoll il-cannabis grass meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

3. Fis- sebgħa (07) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

4. Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

5. Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) kellu fil-pussess tiegħu d-droga Erojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

6. Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), naqas milli josserva il kundizzjonijiet mposti mill-Qorti Kriminali fid-digriet tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) li bih ngħata l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha processwali, inkluz dawk tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja;

Semghet lill-akkuzat iwiegeb hati ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat Sage Gauci b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba, taghtu zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skont l-artikolu 453(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u pposponiet il-kawza sabiex l-akkuzat jikkontempla sew id-dikjarazzjoni tieghu u wissietu bil-konsegwenzi ta' din id-dikjarazzjoni;

Illi wara li l-akkuzat iddikjara li kellu zmien sufficjenti biex jikkontempla din id-dikjarazzjoni waqt li l-kawza kienet posposta, u li fehem l-akkuzi migjuba kontra tieghu u li jaf dwar il-pieni marbuta ma' dawn l-akkuzi,  baqa' jtenni l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi in vista tal-ammissjoni tal-akkuzat Sage Gauci ghal kull kap tal-akkuza dedotta kontra tieghu, din il-Qorti qed tiddikjara lil Sage Gauci hati u recediv tas-sitt kapi tal-akkuza, jigifieri:

1. Fis- sebgħa (07) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu kemm ir-raża kif ukoll il-cannabis grass meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx intiż għall-użu esklużżiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

2. Fis- sebgħa (07) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu kemm ir-raża kif ukoll il-cannabis grass meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa

mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

3. Fis- sebgħa (07) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-ġranet ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklużżiv tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

4. Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

5. Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) kellu fil-pussess tiegħu d-droga Erojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

6. Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), naqas milli josserva il kundizzjonijiet mposti mill-Qorti Kriminali fid-digriet tas-sebgħa u għoxrin (27) ta'

April tas-sena elfejn u tmintax (2018) li bih ngħata l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Sage Gauci prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2021 fejn filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A (1) tal-Kodici Kriminali talbu lil din l-Onorabbli Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ghall-akkuzi migjuba kontrih fl-att tal-akkuza, il-piena li ghandha tkun inflitta minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tnax –il sena flimkien ma' multa ta' tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000), u l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-massimu tieghu kif ukoll il- konfiska tal-garanziji stabbiliti fid-digriet tal-helsien mil-arrest fl-ammont ta' sittin elf Ewro (€60,000) marbuta mas-sitt Kap tal- akkuza, b'dan li kull zmien li l-akkuzat inzamm il-habs taht arrest preventiv marbut ma' dawn il-proceduri ghandu jitqies bhala parti mil- imsemmi perjodu ta' prigunerija li ghandu jehel. Dan oltre spejjez peritali u kwalsiasi sanzjoni u / jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad- dikjarazzjoni u sejbien ta' htija skont l-akkuza u dan ai termini tal-Ordinanza Dwar il –Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il –konfiska wkoll ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill- istes akkuzat.

Ghaldaqstant, il-Qorti thoss li ghandha f'dan il-kaz partikolari taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skont l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-hati u ghaldaqstant wara li rat is-segwenti artikoli 2, 8 (a)(b)(d) u (e), 9, 10(1), 12, 22(2)(a)(1)(3A)(a)(b)(c)(d), 22(9), 22A, 24, 24A, 26, 28 u 29 tal- Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u Regolament 9 tal-Ligi Sussidjarja 101.02; u 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lil Sage Gauci ghal terminu ta' prigunerija ta' tnax –il sena (12) u ghal multa ta' tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000), oltre ghall-hlas tas-somma ta' import tal-ispejjez peritali inkorsi f'din il-kawza u cioe' hamest elef, tmien mija u tnejn u ghoxrin Ewro punt tmienja w ghoxrin Ewro centezmu (€5,822.28) [konsistenti f'relazzjoni tal- Ufficcju ghall- Irkupru tal-assi €732.88, PS 586 Mario Azzopardi €130.40,Dr Martin Bajada €841.34, PS 169 Jurgen Schembri €136.17, PS 586 Mario Azzopardi u PS 1331 D Debattista €480.61, Keith Cutajar €1,111.38, u Mr Gilbert Mercieca €2,389.50)], u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9;

Tordna wkoll il-hrug ta' ordni ta' trattament fil- massimu ta' hames snin fil-konfront ta' Sage Gauci.

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes u proprjeta' mobbli w immobbli tal-hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tkun prezentata fi zmien hmistax (15) il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jkunu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.